**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**Dr. Anna Mallia**

**Seduta tal-10 ta' Lulju, 2017**

**Avviz Numru: 117/2017 AM**
**Numru fuq il-Lista: 2**

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa**
**Vs**
**Sherif Aimen (330210L)**
**12, Belfiore, Flat 1,**
**Triq il-Forga**
**Naxxar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-18 ta' Marzu, 2017 li permezz taghha s-Socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' elf mitejn u dsatax-il ewro u erbgha u tmenin centezmu (€1,219.84) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40386665.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher biex tirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li semgha lir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta gusitikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u dsatax-il ewro u erbgha u tmenin centezmmu (€1,219.84) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali 1736/15 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1736/15 a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikant**